MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Numru. 88/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Roderick Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Roderick Cachia, ta’ tmintax (18)-il sena, iben Teddy u Josephine neé Farrugia, imwieled fit-2 ta’ Gunju 1992 u residenti fil-fond Cachia, Triq ta’ Luvier, Munxar, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 21592(G) li gie akkuzat talli nhar it-30 ta’ April 2011, ghal habta tal-11:30am waqt li kien fi Triq ta’ Luvier, Munxar, Ghawdex, bi ksur tal-Kapitolu 481 Art 2 (1V) ikkommetta

vjolenza domestika fuq il-persuna ta’ ommu Josephine Cachia membri domestiku, billi:

1. kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ ommu Josephine Cachia u dan bi ksur tal-Artikoli 221(1) u 221(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Verbalment ingurja lil ommu Josephine Cachia bil-hsieb li jweggaghha jew jaghmlilha hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Qabad arma (mingel) kontra ommu Josephine Cachia u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kkaguna hsara fuq vettura numru IBM 253 ghamla Daihatsu Terios ghad-dannu ta’ ommu Josephine Cachia liema hsarat jammontaw ghal izjed minn €116.47 izda ma jiskorrux € 1164.69 u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, imma biss sabiex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, fixkel lil ommu Josephine Cachia fil-pussess ta’ hwejjigha billi ma hallihiex tidhol fid-dar matrimonjali ‘Cachia, Triq ta’ Luvier, Munxar u dan bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

6. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta’ dan il-kaz.

Semghet lil Dr. Joseph Grech li, ghan-nom tal-kwerelanta, iddikjara li l-hsara kagunata ma teccediex is-somma ta’ mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) u li l-hsara kagunata giet mhallsa fl-intier taghha,

Semghet ukoll lill-kwerelanta tiddikjara li hija kienet qed tirtira l-kwerela taghha u rrinunzjat ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli u ghazlet ukoll li ma tixhidx.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet, tiddikjara l-proceddiment ezawrit fil-konfront taghhom u dana stante rinunzja ta' Josephine Cachia, u fir-rigward tat-tielet, tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet, tillibera lill-imputat fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------